# Avultun Abjad protett itemm ħesrem il-passa tiegħu fuq Malta

## Rapporti jindikaw li l-għasfur – li huwa speċi fil-periklu – tniżżel b'tiri ta' senter f'Ħad-Dingli

Avultun Abjad minn programm Taljan ta' konservazzjoni għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' din l-ispeċi, li niżel fil-Gżejjer Maltin ilbieraħ biex jistrieħ, temm ħesrem il-passa tiegħu fuq Had-Dingli fl-aħħar sigħat.

L-Avultun, speċi fil-periklu, deher ilbieraħ filgħodu fuq il-Buskett. Imsemmi 'Isabel', dan l-Avultun Abjad ferħ (Egyptian Vulture bl-Ingliż) kien qed jiġi segwit għall-movimenti tiegħu bis-saħħa ta' tag tas-satellita li twaħħlitlu qabel ma nħeles fl-20 ta' Awwissu 2021 flimkien ma' erba' frieħ oħra mill-Parco della Murgia Materana (Matera) fir-reġjun tal-Basilicata.

L-għasafar kollha, inkluż dan, twieldu f'Ġunju bħala parti mill-proġett LIFE Egyptian Vulture mmexxi mis-CERM Associazione Rapaci Minacciati (Endangered Raptors Centre Assocation) li hija bbażata fin-naħa t'isfel tat-Toscana. Din l-assoċjazzjoni tmexxi l-akbar programm ta' trobbija fil-magħluq ta' Avultuni fid-dinja. L-istrumenti biex jiġu segwiti l-Avultuni wara li nħelsu ngħataw lis-CERM b'donazzjoni mill-Vulture Conservation Foundation (VCF) li hija l-akbar għaqda tan-natura fid-dinja ddedikata esklussivament għall-ħarsien u l-konservazzjoni tal-erba' speċi ta' Avultuni li nsibu fl-Ewropa.

Isabel telqet mil-Lbiċ ta' Sqallija lbieraħ filgħodu, waslet Għawdex filgħodu stess, ittrażmettiet mill-Buskett waranofsinhar u baqgħet tittrażmetti minn diversi postijiet fin-Nofsinhar ta' Malta. L-aħħar sinjal mis-satellita kien irreġistrat tard ilbieraħ filgħaxija fit-19:44 meta l-għasfur kien għadu jidher taħt ir-Radar ta' Ħad-Dingli. Rapporti minn birdwatchers u fotografi fl-inħawi jindikaw li l-għasfur tniżżel b'tiri ta' senter.

Il-proġett Taljan qed jimmira li jerġa' jintroduċi mill-ġdid l-Avultun Abjad lura fis-selvaġġ. Din l-ispeċi taħt theddida hija l-unika waħda li naraw f'Malta fuq il-vjaġġ tal-passa, u hija mfittxija ħafna għall-ibbalzmar. Fiċ-ċentru tas-CERM fejn issir din il-ħidma, litteralment irabbu wħud minn

dawn l-għasafar b'ċertu livell ta' suċċess tant li wħud mill-adulti jirritornaw biex ibejtu. Bħal tajr tal-priża ieħor, fil-ħarifa l-frieħ ipassu għall-ewwel darba lejn l-Afrika, fejn iqattgħu numru ta' snin qabel jirritornaw lejn l-Ewropa bħala adulti. Minn hemm 'il quddiem, bħala adulti jibdew jagħmlu l-passa tal-ħarifa tagħhom lejn l-Afrika u jpassu fir-rebbiegħa lejn l-Ewropa. Kif isiru adulti għasafar bħal dawn normalment ikunu jafu kif jevitaw baħar miftuħ u jaqsmu minn Sqallija lejn it-Tuneżija. F'Malta normalment naraw aktar il-frieħ li jkunu għadhom mingħajr esperjenza. Dan huwa t-tielet Avultun Abjad li rajna din is-sena, tnejn minnhom mill-proġett immexxi mis-CERM.

Meta wieħed janalizza l-vjaġġi ta' dawn l-għasafar, naraw kif il-Gżejjer Maltin huma kruċjali għal dawn l-għasafar fil-periklu meta jkunu qed iħallu n-naħa t'isfel tal-Italja. Bħal għasafar oħra tal-priża, frieħ tal-Avultun Abjad mingħajr esperjenza jużaw il-gżejjer tagħna biex jieqfu jistrieħu tul il-vjaġġ tagħhom bejn l-Ewropa u l-Afrika – post fejn jistgħu jqattgħu lejl ta' mistrieħ biex jerġgħu jirkupraw l-enerġija f'nofs il-vjaġġ tagħhom lejn il-kontinent Afrikan.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana sostna: "Il-qtil illegali tal-għasafar f'Malta qed isir rampanti. Dan qed iseħħ primarjament minħabba li ftit tas-snin ilu twaqqaf il-proċess ta' verifika ta' għasafar protetti bbalzmati li jinsabu f'kollezzjonijiet privati li fil-passat kienu gawdew minn amnestiji. Dan ifisser li llum tista' tispara fuq għasafar protetti, bħalma huwa dan l-Avultun, u xorta tkun għadek fil-ħin biex tinkludi l-għasfur mal-kollezzjoni, qabel ma ssir il-verifika. BirdLife Malta qed tinsisti li l-proċess ta' verifika jerġa' jibda kemm jista' jkun malajr u tinsisti li ma jsir l-ebda trasferiment ta' għasafar minn sid għal ieħor sakemm il-kollezzjonijiet iddikjarati miż-żewġ sidien ma jkunux ġew verifikati".

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ritratti mehmużin:**

- Ritratti mill-bogħod tal-Avultun Abjad li ttieħdu kmieni waranofsinhar meta kienu għadu qed jittajjar fil-għoli fuq il-Buskett ilbieraħ (Ritratti ta' BirdLife Malta)